MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 262/2011

**A B**

**vs**

**Avukat Dr Anthony Cutajar u l-PL Pauline Mallia b'digriet tal-21 ta' Marzu 2012 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti XB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-kontendenti zzewgu fil-21 ta' Settembru 2006 gewwa l-Filippini liema zwieg gie registrat Malta bin-numru 2122/2007. (Dok JB1);

Illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta’ l-attur u dan minhabba diversi relazzjonijiet extra-maritali li kellha ma’ terzi persuni matul iz-zwieg taghhom u dan kif se jigi ppruvat waqt il-mori tal-proceduri odjerni;

Illi matul iz-zwieg twieldet tifla, V BB nhar it-30 ta’ Jannar 2011;

Illi mit-test tal-paternita’ irrizulta li l-minuri mhix il-wild naturali ta’ l-attur;

Illi nbdew il-proceduri ghall-medjazzjoni, pero minhabba li l-mara hija assenti, l-attur b’digriet tal-20 ta’ Lulju, 2011 numru 1348/2011 gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-konvenuta. (Dok JB2);

Illi minhabba li l-konvenuta hija assenti, ir-rikorrenti pprezenta rikors fejn talab li jigu mahtura kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-martu assenti;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u mputabbli unikament u esklussivament lill-konvenuta;

2. tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u tiddikjara li l-konvenuta m’ghandha l-ebda dritt fuq l-istess;

3. tapplika d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48, u 51 sa 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra l-konvenut u favor ta’ l-esponenti;

4. tordna li ssir l-annotazzjoni relattiva tas-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku;

U dan taht dawk il-povedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija min issa ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rappresentata, u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimata;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet fejn l-attur jirrileva li ghalkemm fiz-zwieg twieldet il-minuri V BB, fir-realta' din m'hijiex il-wild naturali tieghu.

Il-Qorti tirrileva li permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet taghhom il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimata assenti ddikjaraw li m'humiex edotti mill-kaz u rriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri f'kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

**Il-VERZJONI TAL-ATTUR**

L-attur jghid li ltaqa' mal-intimata f'April 2005 gewwa l-Filippini. Wara li zzewgu, l-attur baqa' jahdem filwaqt li l-intimata regghet qabdet tistudja. Tliet snin wara z-zwieg, l-attur jiskopri numru ta' *chats* romantici ma' rgiel ohra u jghid li martu ammettiet mill-ewwel u wieghditu li ser tieqaf tant li ippruvaw isalvaw iz-zwieg taghhom. L-attur sar jaf ukoll li kienet qed tircievi l-flus ukoll minghand dawn l-irgiel izda ghalkemm kienet wieghditu li ser tieqaf rega' qabadha ma' rgiel ohra.

F'Novembru 2009, l-intimata qaltlu li kienet ser tmur izzur lil ommha gewwa Masbate izda dan ma kien veru xejn ghaliex fil-fatt kienet marret btala mal-mahbub taghha Daniel Harria. Ghalkemm l-attur sar jaf u qalilha biex tmur lura mill-ewwel, l-intimata marret lura d-dar biss meta kienet spiccat il-vakanza. Jghid ukoll li peress li kien ihobbha, ried jaghtiha cans iehor. F'April 2010 l-intimata marret vakanza ohra ma' ragel iehor bl-isem ta' Ebi Sedigh izda baqghet tinsisti li kienu hbieb biss. F'Mejju 2010, l-intimata infurmatu li kienet tqila u ovvjament feggew id-dubji dwar il-paternita' tal-istess tarbija. Fl-istess zmien, Ebi Sedigh ghamel kuntatt mal-attur fejn qallu li kien hemm possibilita' li t-tarbija li kienet qed iggorr l-intimata hija tieghu peress li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet ilha ghaddejja ghal kwazi sentejn.

Minhabba dawn id-dubji kollha l-attur insista li jsir DNA *test* li taw prova li fattwalment it-tarbija V BB m'hijiex il-wild naturali tieghu u kien ghalhekk li l-istess attur intavola kawza ta' denegata paternita', liema kawza giet deciza nhar it-2 ta' Dicembru 2011.

L-attur jghid ukoll li permezz ta' skrittura tal-4 ta' Awwissu 2011, il-partijiet qablu li l-proprjeta' li tinsab Malta ghandha ssir il-proprjeta' esklussiva tal-attur filwaqt li l-intimata ghandha tiehu l-proprjeta' li tinsab gewwa l-Filippini. Barra minn hekk jghid ukoll li kien ghaddielha s-somma ta' 450,000 pesos.

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI

Il-Qorti tirrileva li l-partijiet fl-ismijiet premessi zzewgu nhar il-21 ta' Settembru 2006 gewwa l-Filippini u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg esebit in atti a fol 5 tal-process. Permezz tan-nota guramentata tieghu, l-attur jikkontendi li r-reponsabbilita' ghas-separazzjoni bejn il-partijiet ghandha taqa' fuq l-intimata li kkommettiet adulterju tant li kellha wild minn terz u dan kif inhu evidenzjat mis-sentenza tat-2 ta' Dicembru 2011[1] fejn gie dikjarat li l-istess attur m'huwiex il-missier naturali tal-minuri V.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba, il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 38 tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".

Dan necessarjament ifisser li l-adulterju, huwa raguni valida bizzejjed ghall-Qorti sabiex tilqa' t-talba ghal separazzjoni personali bejn koppja u dan *stante* li kif sostniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Greengrass Hugh vs Greengrass Lucia**[2] fejn gie ritenut li:

"***L-adulterju hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali***"

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jaghti prova. F'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[3] fejn gie dikjarat li:

---

[1] Ara Dok. JB3 esebit a fol 41 tal-process

[2] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

[3] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

"***L-adulterju minn dejjem gie meqjus bhala l-kawzali l-aktar gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika***".

Illi l-Qorti hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimata irrendiet ruhha hatja ta' adulterju u dan *stante* li l-istess intimata kellha tarbija minn terz fiz-zwieg. Prova ahjar u aktar indikattiva minn din ma tistax tingieb quddiem il-Qorti u ghalhekk din l-istess Qorti qieghda tiddikjara li m'ghandha ebda ombra ta' dubju dwar in-nuqqas ta' fedelta' da parti tal-intimata.

In vista ta' tali gurisprudenza u minghajr ebda bzonn ta' ripetizzjoni zejda, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex l-ewwel talba tar-rikorrenti m'ghandhiex tigi milqugha;

**<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMATA</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija unikament imputabbli lill-intimata minhabba l-adulterju li kkommettiet. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**[4] fejn gie applikat l-artikolu 48 (1) (d) tal-Kap. 9 hawn citat minhabba adulterju u ghaldaqstant ma tara ebda raguni ghala m'ghandhiex tapplika l-istess fil-konfront tal-intimata.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-Qorti tirrileva li permezz tan-nota guramentata tieghu l-attur ipprezenta wkoll kopja tal-kuntratt ta' akkwist tal-fond 27 gia 29 f'Ditch Street Paola, liema kuntratt gie ippublikat min-Nutar Dr. Pierre Cassar nhar il-31 ta' Lulju 2008[5]. *Stante* li dan il-fond gie mixtri fiz-zwieg, allura necessarjament huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti tagħmel referenza wkoll ghall-*Memorandum of Agreement*[6] bejn il-partijiet u li permezz tieghu gie miftiehem li l-intimata ghandħa tinghata s-somma ta' 450,000 *pesos* flimkien mal-proprjeta' gewwa Masbate filwaqt li l-attur gie assenjat il-proprjeta' gewwa Malta msemmija aktar 'il fuq filwaqt li jkompli jħallas il-pagamenti mensili relattivi għall-istess fond b'mod esklussiv. Jidher car li l-*Memorandum of Agreement* esebit in atti juri l-intenzjoni tal-partijiet kwantu għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. *Stante* li tali dokument m'huwa bl-ebda mod kontraddett u *stante* wkoll li jirrizulta li z-zewg proprjetajiet formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti gew assenjati skond ir-rieda tal-istess partijiet b'dan illi l-intimata ingħatat ukoll somma monetarja, il-Qorti ma tara ebda raguni ghala m'għandhiex taccetta tali

---

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

[5] Ara a fol 48 tal-process

[6] Ara Dok. JB5 esebit a fol 55 tal-process

ftehim bħala prova tax-xewqa tal-partijiet u fuq kollox ta' ftehim bonarju milħuq minnhom li huwa accettabbli għaz-zewg partijiet. Wara kollox, dan l-istess dokument huwa l-unika prova li għandha l-Qorti dwar xi forma ta' intenzjoni li seta' kellha l-intimata.

**DECIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi ħtija unika tal-intimata;

(2) Tilqa' it-tieni talba u tassenja l-fond bin-numru 27 f'Ditch Street, Paola lill-attur b'mod esklussiv b'dan li għandu jkun l-istess attur li jkompli jħallas il-facilita' relattiva għall-istess fond b'mod esklussiv;

(3) Tilqa' t-tielet talba;

(4) Tilqa' r-raba' talba;

Bl-ispejjez kontra l-intimata b'dan illi l-ispejjeż tal-Kuraturi Deputati maħtura għandhom jigu mħallsa provizorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------